## Kampjonat 1955-56

# Floriana jiftħu l-Kampjonat b'rebħa fuq Sliema W.

**Id-Disa' Ġurnata**

**18-02-1956:**
**Birkirkara FC – Valletta FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Skorja: F. Bonnici (B) 32' u 85'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Norman Bell, Emmanuel 'Id-Dijju' Borg, Leli 'Likku' Saliba, Frans 'Lula' Bonnici, Stephen Samut Tagliaferro, J. Cassar, Sonny Cassar, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

*Valletta FC:* Pawlu Montebello, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Twanny Mallia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Żeppi Micallef, Josie Urpani, Leli 'Il-Pesa' Pace, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

1. Valletta lagħbu għal xi ħin b'għaxar plejers meta weġġa' Jackie Grech f'nofs l-ewwel taqsima u daħal lura ftit qabel il-mistrieħ.

**19-02-1956:**
**Floriana FC – Rabat FC 6-0**
**H.T 3-0**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 4', L. Borg (F) 31', T. Cauchi (F) 36', L. Borg (F) 67' u P. Demanuele (F) 78' u 84'.**
**Referee: Turu Lentini**

*Floriana FC*: Albert 'Bertie' Borg, Lolly Debattista, Charlie 'Nossa' Brincat, Joe Cini, Roy Swift, Freddie Vella James, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Rabat FC:* Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Karmenu Xerri, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Tony Caruana, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

1. Il-plejer Johnnie Azzopardi 'Zikizokk' ta' Rabat ħassu ma jiflaħx qabel il-mistrieħ u kellu jħalli l-grawnd. Rabat komplew il-partita b'għaxar plejers.

2. Din kienet l-aħħar partita għal Lolly Vella ma' Floriana. Bħal ħuh, Tony, anke hu għażel li jemigra lejn l-Awstralja fejn ħalla Malta, fit-28 ta' Frar, 1956. Ħuh Tony hemmhekk kien diġà qed jilgħab il-futbol ma' J.U.S.T, fl-Ewwel Diviżjoni Awstraljana. Anke Lolly Vella kompla bil-karriera tal-futbol fl-Awstralja fejn anke lagħab mat-tim nazzjonali Awstraljan.

3. Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr il-gowlkiper Ġużi Alamango minħabba li kien qed jirkupra minn operazzjoni f'għajnejh.

**25-02-1956:**
**Ħamrun Sp. FC – Vittoriosa Stars 1-1**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: T. Sultana (V) pen. 69' u R. Psaila (Ħ) pen. 80'.**
**Referee: George Degiorgio**
**Linesmen: J. Borg u Watty Gatt**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Frans Damato, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Effie Borg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Victor Grima, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

*Vittoriosa Stars FC*: Godwin Cassar, Francis Xavier Camilleri, Emmanuel Urpani, Buttigieg, Lino Zahra, Johnnie Darmanin, Ritchie Sultana, Leli Stivala, Maurice Cali'-Warrington, Twanny Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

**26-02-1956:**
**Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 5-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: S. Schembri (S) 35', S. Nicholl (S) 57', J. Xuereb (S) 65', S. Nicholl (S) 86' u J. Xuereb (S) 88'**
**Referee: Salvu Pirotta**
**Linesmen: Carmel Galea u Joe Genovese**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Xerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Hibernians FC:* Edwin Gili, Colin Tabone, Joe Grixti, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sonny Anastasi, Turu Tabone, Fredu Church, Charlie Schembri, Leli Sultana, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Il-gowlkiper ta' Hibernians Edwin Gili weġġa' f'ħabta mall-attakkant Joe Xuereb u ħalla l-grawnd meta kien għad fadal ħames minuti. Minfloku, bejn il-lasti daħal, Sonny Anastasi li f'dak il-perjodu qasir sofra żewġ goals.

*Klassifika*: Sliema Wdrs. FC 16-il pt.; Ħamrun Sp. FC 12-il pt.; Floriana FC 10 pti.; Valletta FC 9 pti.; Birkirkara FC 8 pti.; Hibernians FC u Rabat FC 6 pti.; Vittoriosa FC 5 pti.

*L-Aqwa Skorers:* S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 8 goals; J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 7 goals; T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) u T. Cauchi u P. Demanuele (Floriana FC) 5 goals.

**L-Għaxar Ġurnata**

**03-03-1956:**
**Hibernians FC – Rabat FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: J. Ciantar (H) 10' u o.g J. Aquilina (H) 24'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Carmel Spiteri u J. Borg**

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Joe Grixti, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sonny Anastasi, Turu Tabone, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

*Rabat FC*: Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Karmenu Xerri, Charlie Zahra, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo,

Pawlu 'Il-Fulier' Said, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Charlie Theuma.

**04-03-1956:**
**Ħamrun Sp. FC – Birkirkara FC 1-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: K. Camilleri (Ħ) 5' u L. Schreener (B) 79'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**
**Linesmen: George Degiorgio u Watty Gatt**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, George Jones, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Freddie Falzon, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Effie Borg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Victor Grima, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Tony Pandolfino, Norman Bell, Emmanuel 'Id-Dijju' Borg, Leli 'Likku' Saliba, Frans Bonnici, Stephen Samut Tagliaferro, J. Cassar, Lyndon Schreener, Pawlu Carbonaro.

1. Lyndon Schreener mill-Istati Uniti sar l-ewwel plejer Amerikan li lagħab fil-Kampjonat Malti. Huwa anke kiseb id-draw għall-Karkariżi fid-debutt tiegħu. Schreener kien jasab f'Malta fuq servizz militari.

**10-03-1956:**
**Floriana FC – Sliema Wdrs. FC 3-2**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 20', o.g R. Swift (S) 21', T. Cauchi (F) 58' u 80', T. Nicholl (S) 90'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Salvu Pirotta u Watty Gatt**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Charlie 'Nossa' Brincat, Joe Cini, Roy Swift, Freddie Vella James, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Żarenu Alamango, Pullu Mousu, Tony 'Majsi' Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

1. L-awto-gowl ta' Roy Swift wasal fuq devjazzjoni minn xutt ta' Sammy Nicholl. Fil-fatt kemm il-ġurnal *The Times of Malta* kif ukoll il-magażin ta' Floriana *Evergreen* taw il-gowl lill-plejer Slimiż. Il-ġurnal *Leħen is-Sewwa* speċifika li d-devjazzjoni ta' Swift ingannat għal kollox bil-gowlkiper sieħbu Alamango. Għalhekk il-gowl qed ngħodduh bħala awto-gowl ta' Roy Swift.

2. Minbarra lil Lolly Vella li emigra lejn l-Awstralja, Floriana kellhom nieqes ukoll lil Lolly Borg li ma setax jilgħab minħabba infezzjoni f'saqajh. Minflok Borg lagħab Pullu Mousu.



*Sliema Wanderers 1955*

**11-03-1956:**
**Valletta FC – Vittoriosa Stars FC 0-0**
**Referee: Edward Agius.**
**Linesmen: Joe M. Cassar Naudi u J. Borg.**

*Valletta FC*: George Borg, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Twanny Mallia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Leli 'Pesa' Pace, Sonny Curmi, Frankie Zammit, Josie Urpani, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

*Vittoriosa Stars FC:* Godwin Cassar, Francis Xavier Camilleri, Emmanuel Urpani, Buttigieg, Lino Zahra, Johnnie Darmanin, Ritchie Sultana, Leli Stivala, Maurice Cali'-Warrington, Twanny Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

*Klassifika*: Sliema Wdrs. FC 16-il pt.; Ħamrun Sp. FC 13-il pt.; Floriana FC 12-il pt.; Valletta FC 10 pti.; Birkirkara FC 9 pti.; Hibernians 8 pti.; Rabat FC u Vittoriosa Stars FC 6 pti.

*L-Aqwa Skorers:* S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 8 goals; T. Nicholl u J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) u T. Cauchi (Floriana FC) 7 goals; P. Demanuele (Floriana FC) 6 goals.

**AĦBARIJIET**

Fit-12 ta' Marzu, 1956, il-plejer Frans D'Amato ta' Ħamrun Spartans ħalla Malta fi triqtu lejn l-Awstralja. Huwa kien sieħeb lil Ħamrun bħala plejer tal-Minors fl-1950.

Fil-11 ta' April, 1956, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-25 sena ta' Tony Nicholl jilgħab il-futbol ma' Sliema Wanderers, it-tim Slimiż lagħab partita ta' ħbiberija kontra selezzjoni ta' plejers magħżula mit-timijiet ta' Ħamrun Spartans u Valletta. Il-partita ntemmet fi draw ta' 2-2 fejn Robbie Buttigieg fetaħ l-iskor għall-Wanderers fis-16-il minuta, l-aħwa ta' Ħamrn Spartans, Gejtu u Romeo Psaila, dawru r-riżultat b'gowls, fil-35 u l-55 minuta, biex finalment Sammy Nicholl kiseb id-draw għal Sliema, fil-65 minuta. Floriana skużaw ruħhom li l-plejers tagħhom ma setgħux jieħdu sehem f'din il-partita minħabba li kellhom partita tal-kampjonat kontra Birkirkara tlitt ijiem wara.

Fil-25 ta' April, 1956, Sliema Wanderers għelbu lil UK Services 4-1 sabiex rebħu l-Poppy Day Fund Shield. Minkejja r-rebħa b'marġni ta' tliet goals kien biss fil-ħin barrani li l-Wanderers għamlu r-rebħa tagħhom. Fil-fatt, sad-90 minuta, l-iskor kien 1-1 b'gowls ta' Sammy Nicholl fis-16-il minuta għal Sliema, b'Marsden jikseb id-draw minuta mit-tmiem għas-Servizzi qabel gowls minn Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl u Tony Nicholl taw ir-rebħa lil Sliema. Il-partita oriġinarjament suppost li ntlagħbet, fl-14 ta' Marzu, iżda kienet tħassret minħabba l-maltemp.